MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 3/2004

**Cynthia Zahra**

**vs**

**Top to Toes**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta’ Dicembru 2003, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fl-10 ta’ Jannar 2003 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta’ tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) rapprezentanti danni subiti fuq libsa tat-tieg li wara li haslitha f’ idejn professjonali sabet li kellha t-tbajja tal-kolla fuq il-parti tad-dublett ta’ quddiem.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-Intimat li huwa rapprezentant tad-Ditta Ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kellha libsa tat-tieg li haditha biex tinhasel ghand id-ditta ntimata u wara li gabitha lura sabet li kellha t-tbajja tal-kolla fuq il-parti ta' quddiem tal-libsa.

2. L-intimat issottomettiet li pruvat taghmel minn kollox sabiex tnehhi dawn it-tbajja li ma kienux tort taghha u fil-fatt il-libsa gabitha kwazi gdida.

3. It-Tribunal jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal tilqa' t-talba tar-rikkorenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn Lira Maltin (Lm200) bl-ispejjez kontra l-istess Intimat b'dan illi l-libsa tibqa' proprjeta` tar-Rikorrenti."

Id-ditta konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravju li tista' tghid jikkonsisti b' mod esklusiv fi kritika ta' l-apprezzament tal-fatti li ghamel it-Tribunal. Hi ssostni li t-tbajja fuq il-libsa tat-tieg ma kienux dovuti ghal xi nuqqas taghha u li, anzi, l-attrici ghandha tassumi r-responsabilita` ta' l-istess tbajja fuq il-libsa. Tikkontendi inoltre illi d-decizjoni tat-Tribunal li l-libsa tibqa' proprjeta` ta' l-attrici mhix gustifikata;

Fir-risposta ta' l-appell taghha l-attrici tissolleva fl-ewwel lok il-pregudizzjali ta' l-irritwalita` u tan-nullita` ta' l-appell fuq l-assunt li l-aggravji ma jinkwadrawx ruhhom fit-termini

ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378. Fil-meritu tirribatti illi d-ditta appellanti ma qdietx id-doveri taghha bid-dovuta kura u attenzjoni u li, dippju, il-pretensjoni taghha li tigi assenjata l-libsa ma timmerita l-ebda akkoljiment;

Evidentement, hu fl-ordni logiku li l-ewwel haga li ghandha tigi investita hi l-eccezzjoni ta' l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell sottomessa mill-attrici;

Jinsab stabbilit fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 illi appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal "jista' jsir biss meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella";

Jitnissel minn dan id-dispost illi jekk il-valutazzjoni li jkun ghamel it-Tribunal ma jirrizultax manifestament parzjali u ngust din il-Qorti ma kellhiex tissindika l-operat tat-Tribunal. Dan igib li l-appell ikollu jitqies improponibbli;

Bhala punt ta' tluq jokkorri li ssir referenza ghal dak preskritt fl-Attikolu 21 (1) li jrid li t-Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f' talba jew kontro-talba prezentati quddiemu "skond kull meritu u gustizzja sostantitva tal-kaz, u skond l-ekwita". Fil-hsieb tal-Qorti dan ifisser li din il-Qorti mhix prekluza milli tiddetermina u tiddeciedi jekk d-decizjoni tat-Tribunal tikkontjenix l-ingredjenti tal-gustizzja sostantiva u ta' l-ekwita`. Dan ghaliex, kif drabi ohra nghad, "huwa wkoll principju ta' gustizzja naturali illi l-gudikant ghandu jiddeciedi '*ixuta allegata et probata*' u ma jistax jiddeciedi manifestament u ovvjament kontra dak li gie quddiemu pruvat" (Ara "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999). Fiha ssokta pero` jigi mfakkar illi fl-apprezzament tal-fatti t-Tribunal kien l-uniku arbitru u d-decizjoni tieghu ma kienetx sindakabbli;

Mill-ezami taghha ta' l-inkartament tal-kaz din il-Qorti ma tistax ragonevolment issib li t-Tribunal iddecieda b' mod parzjali u 'l hinn mill-provi sottomessi lilu. Jirrizulta in fatti illi l-apprezzament issejjes fuq il-bazi tal-fatti migjuba ghall-attenzjoni tieghu mill-attrici u minn Phyllis Muscat ghad-ditta konvenuta. Fatti dawn, li mkien ma jinsab kontestat mill-korp ta' l-appell, illi r-rapprezentanti tad-ditta konvenuta ma nghatatx l-opportunita` li tressaq in sostenn tad-difiza taghha. Kif gja rilevat, una volta l-Qorti ssib li t-Tribunal ghamel l-apprezzament tieghu tal-provi kollha dedotti, tajjeb jew hazin, din il-Qorti ma tistax tissindikah;

Gjaladarba wkoll l-ligi ssemmi li ried jigi provat li l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod serju l-jeddijiet ta' min jappella, isegwi, b'ragonament logiku-guridiku, in vista tan-ness li taghmel l-istess ligi, illi jekk ma tirrizultax vjolazzjoni tal-principji ta' gustizzja naturali, mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha fir-ricerka tal-gravita tal-pregudizzju ghax dan kien mill-atti eskluz;

Biex jinghad kollox imbaghad lill-Qorti ma jirrizultalhiex lanqas illi t-Tribunal ma ghamelx ezercizzju ta' ekwita`. L-attrici rreklemat danni fl-ammont ta' tliet mija u hamsin lira (Lm350) izda t-Tribunal iddecieda li jimmitiga dan il-kwantum pretiz billi rreducih ghas-somma ta' mitejn lira (Lm200). Fic-cirkostanzi, mhux il-kaz allura li l-libsa tinghata lill-appellanti, kif hekk pretiz mid-ditta konvenuta;

Jekk trid din il-Qorti tista' tieqaf hawn. Anke pero` kieku kellha tokkupa ruhha mill-meritu, xorta wahda, wara riezami tal-provi "*hinc iude*" prodotti, hi tal-fehma li ghandha tadotta l-konkluzjonijiet tat-Tribunal. Dan ghal motiv illi ma jirrizultax li d-ditta konvenuta adempiet adegwatament u skond is-sengha u l-arti d-doveri taghha fl-ezekuzzjoni tal-mansjonijiet lilha affidati mill-attrici u hekk naxxenti mill-kuntratt tal-lokazzjoni d' opera. Ic-cirkostanzi stabbiliti huma tali li d-ditta appellanti ma tistax tiskansa ruhha mir-responsabilita` in kwantu dawk l-istess cirkostanzi jidher apparentement li jikkostitwixxu

kontravvenzjoni ghall-obbligu uzwali ta’ kif il-libsa tat-tieg kellha tinhasel, titnixxef jew eliminata mit-tbajja. Ara f’ certi aspetti taghha, il-kawza fl-ismijiet “**Silvana Camilleri -vs- Alfred Pisani *nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 13 ta’ Novembru 1995, ben familjari ghall-gudikant sedenti li f’ dik il-kawza kien jippatrocina lill-attrici;

Dan igib necessarjament b’ konsegwenza li d-ditta konvenuta kienet in kolpa u li din il-kolpa kienet derivata minn nuqqas ta’ uzu tal-prudenza, diligenza u l-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja li jippreciza l-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra d-ditta konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------